MALTA

**QORTI CIVILI**

**PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2014

Rikors Numru. 1040/2014

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Qbid Nr. 1772/14TM**

**fl-ismijiet :**

**Lino Cassar KI Nr. 144868M**

**vs**

**Shiela k/a Shirley Agius KI Nr. 352671M**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors tal-intimata tat-18 ta'Novembru 2014 li jaqra hekk:

*"**Fl-ewwel lok** : Illi dan il-mandat kawtelatorju numru 1772/14TM ghandu jigi revokat mill-Onorabbli Qorti 'contrario imperio' ghal kollox :*

*- billi in bazi a tenur tal-artikolu 836(1). d tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ammont indikat bhala kawzali fir-rikors ghall-mandat , mhuwiex 'prima facie'gustfikat ;*
*- jew subalternattivament in bazi ghal-istess sub-artikolu , billi, dato ma non concesso u assolutament minghjar pregudizzju, jekk hemm xi hlas dovut lill-Lino Casar mill-esponenti*

*,il- pretenzjoni tal-ammont allegata minnu ta' ghoxrin elf u hames mitt euro Eur 20,500 hija estremament eccesiva;----*
*------u dana kif johrog mis-segwenti fatti ;*

*Illi il-partijiet kellhom relazzjoni turbolenti ghall-ahhar, li bdiet fl-ahhar tal-2012 u intemmet definittivament fil-15 ta' Dicembru , 2013 . Kienet relazzjoni diskontinwa , b' mod illi fl-imsemmija sena l-iktar li kienu flimkien kien ghal perjodi li jammontaw ghal cirka sitt xhur;*

*Illi ir-relazzjoni intemmet definittivament , bejn il-lejl tal-14 u l-15 ta' Dicembru , 2013, fl-isfond ta' argument iehor li kellhom , u wara li l-esponenti silfet il-vettura taghha lill-kontro-parti Lino Cassar Ford Ka numru ta' registrazzjoni FBH 832 biex imur lura id-dar , huwa ikkaguna hsara volontarja fl-imsemmija vettura , kif jinsab ikkonfermat fl-anness rapport tal-Pulizija (Dok A u ir-ritratti Dok B, C u D), liema hsara tammonta ghal iktar minn elf Euro (Eur 1000).*

*Attwalment hemm pendenti quddiem il- Qorti tal- Magistrati (Malta) , bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali , preseduta mill-Magistrat Dr. Nathasha Galea Sciberras LL.D , kawza tal-Pulizija kontra l-istess Lino Cassar , fuq rapport tal- esponenti , fejn hemm ordni tal-Qorti sabiex huwa b' ebda mod ma jikkomunika maghha, la direttament u lanqas tramite terzi .*

*Dan qed jinghad biss tant biex jintwera lill-Onorabbli Qorti li ir-relazzjoni definittivament spiccat ;*

*IIli kwantu ghal fejn fil-mandat bhala kawzali , il-kontro-parti qed jippretendi li l- imsemmija cifra ta' Eur 20, 500 hija referibbli in parti ghal ammont 'dovut ghal xoghol', l-unika xoghol li huwa qatt ghamel a beneficcju tal esponenti, kien jikkonsisti f' gurnata xoghol fis-sajf tal-2013 fejn wahliha circa ghoxrin maduma fil-kamra tal- banju, peress li dawn kienu tkissru minhabba leakage tal-pajp tal-ilma u wahlilha ukoll it-tondajturi ta' madwar il-mixer tas-shower u bajjad is-saqaf ta' din il-kamra tal-banju;*

*Illi kwantu ghall- allegazjoni tieghu ta' ammont ghal ' xiri tat vettura' ,assolutament mhux minnu li huwa qatt ghaddhielha jew halsilha flus ghal dan l-iskop. L-esponenti ghandha biss il-vettura fuq imsemmija , li hija xtrat fis- 26 ta' Ottubru ,2009 , liema vettura kienet*

*kompletament bla dejn fis-sens li hallset kollox f'daqqa (vide logbook anness Dok.E ) u b' hekk effettivament kienet inxtrat minnha tliet snin qabel ma saret taf lill-kontro-parti fl-ahhar tal-2012;*

*Illi l-unika flus li huwa kien ghaddhielha kienu sitt miff euro (Eur600) , li pero' hija irrestitwiet lura lilu .*

*Dan l-ammont kellu x' jaqsam ma' parti minn hlas ta' sevizz ta' dentist li ghamlet l-esponenti . Dan ix-xoghol , li sar min Dr Edward Fenech , kien jammonta ghal total ta' erbat elef u erba' mitt euro (Eur 4400) , kif indikat fl-annessi invoices (DokF u DokG ) wahda datata 8 ta'Marzu, 2013 u ohra datata 7 ta' Settembru, 2013 . Kif juru l-istess invoices mibghuta lil 'Shirley Agius' , iz-zewg ammonti indikati thallsu u dana billi saru diversi depositi akkont , bl-ahhar wiehed ikun tal-11 ta' Gunju, 2A13 , kif jirrizulta minn Dok.H .*

*Mill-ammont kollu , Lino Cassar kien avanza biss is-somma ta' Eur 600 akkont , imhallsa lid-dentist .*

*Pero' meta eventwalment inqala' argument fir-residenza ta' omm l-esponenti , fejn kienu prezenti l-omm , hu l-esponenti u l-gharusa tieghu, fil-prezenza taghhom, hija hallset lura lil Lino Cassar l-imsemmija Eur 600 u filwaqt li saret karta dwar dan il- hlas , li ghall- ewwel giet iffirmata mit-tnejn, l-istess Lino Cassar qabad u qattaghha ;*

*Illi fl-isfond tal-battibekki kontinwi bejn il- partijiet , bir-relazzjoni ghadha b' xi mod ghaddejja , fil- 25 ta'Awissu , 2013 l- imsemmi Lino Cassar iddikjara (Dok.I) illi dak kollu li jaghti lill- esponenti "... kemm jekk uma flus u kemm jekk uma affariiiet mandi l-ebda dritt nitlobhom lura ghal ebda raguni " u erbat ijiem wara fid- 29 ta' Awwissu ,2014 saret skrittura aktar formali bejn il-partijiet(Dok J) , liema skrittura giet iffirmata fil-prezenza tal-konsulent legali tal-esponenti dak iz-zmien Dr Michael Grech fejn qablu li " .... f'kaz ,li f'xi zmien itemmu ir-relazzjoni ta' beiniethom , huma qeghdin minn issa jirrinunzjaw ghal kwalukwe dritt li jaghmlu talba sabiex jirkupraw lura rigali , oggetti , ghotjiet ohra anke jekk monetarji li jkunu taw lil xulxin waqt ir-relazzjoni "*

*Illi in segwitu ghal dawn l-iskritturi ta' rinunzja f Awissu , 2013 u qabel ma r-relazzjoni intemmet fil-l5 ta'Dicembru , 2013,1-unici flejjes li hareg Lino Cassar, kienu jikkonsistu fis-segwenti :*

*- spejjez ta' tnehhija ta' sadid mis-saqaf tal- vettura tal-esponenti u sprejjar tal- genb u tas-saqaf. L-esponenti dawn l-ispejjez qatt ma riedet li jhallashom hu , pero '*
*huwa insista li jhallas u qatt ma qallha kemm kienu ;*
*- spejjez ta'xiri ta'cilindru tal- gas , li kien xtara ghal esponenti u li hija riedet thallsu tieghu . Fil-fatt ghaddietlu ghoxrin euro ( Eur 20) , u wegibha bil-kliem "X'nambihom. Jiena x'ala..... mill-fius. " u qabad u qataghha.*
*- u mhux aktar minn erba' mitt euro (Eur 400) , f xiri ta' hwejjeg ghall- habta ta' Novr*
*embru, 2013*

*Illi kemm kwalunkwe kreditu ta' hlas ghax-xoghol tal- kamra tal- banju , ezegwit qabel l-iskritturi ta' rinunzja (Dok I u J) tal- 25 u d-29 ta' Awissu , 2013 , kif ukol l-ispejjez imsemmija fil-paragrafu ta' qabel li gew wara l-imsemmija rinunzja u qabel it-temm tar-relazzjoni fil-15 ta'Dicembru , 2013, u anke spejjez ta' cards tal-mobile , fejn tul ir-relazzjoni kontra l-insistenza tal-esponenti , diversi drabi ghamel transfer u top-up tal- mobile taghha , huwa irrinunzja espressament ghal kollox bl-imsemmija skritturi u ghalhekk mhuwa dovut ebda hlas lill-kontro-parti fil-f'att u fid-dritt u ergo multo magis lanqas fuq bazi ta' 'prima facie' , ghal liema raguni, l-esponenti qeghda titlob ir-revoka tal-mandat a tenur 836(1)d tal-Kap 12 ;*

*Illi apparti l-imsemmija rinunzja, kemm qabel u kemm wara , kull meta Lino Cassar kien jaghti xi haga lill-esponenti , hija kienet tinsisti bil-qawwa li ma trid xejn minn ghandu ghaliex mill-esperjenza mieghu kienet taf li kull meta jargumentaw u jkun ta xi haga qabel , kien ikun iridha lura. Pero' minhabba theddid u anke agir abbuziv sabiex hi tacetta dak li jkun irid itiha, tant li darba qabadha minn ghonqha ghar kienet qed tirrifjuta hi kienet tigi kostretta taccetta dak li jkun irid itiha*

*Illi jigi umilment sottomesss illi indipendentement mill- fatt ta' nuqqas ta' 'prima facie', kieku biss ghall-argument u data ma non concesso hemm xi kreditu dovut lil Lino Cassar , l-ammont allegat fil-mandat huwa certament abbondentement 'eccessiv', tant li hu stess il-bierah ammetta maghha li jaf li m'ghandux jiehu Eur20,500 minn ghandha .*

***Fit-tieni lok** , jigi umilment rilevat ghall-informazzjoni ulterjuri ta' din l-Onorabbli Qorti , illi gia' qabel il-mandat odjern mahrug frt- 12, ta' Novembru , 2014 , il-kontro-parti Lino Cassar , kien ottjena il-hrug ta' mandat ta' qdib iehor numru 1398/14 fit-12 ta Settembru ,2014 mahrug mill- Onorabbli Qorti (Onor . Imhallef Lorraine Schembri Orland (Dok.K) liema mandat huwa ibbazat ezattament fuq l-istess kawzali tal-mandat odjern, u li fuq rikors ghal kontro-mandat tas-6 ta' Novembru ,2014 (Dok.L) tal- esponenti , gie revokat l-ghada fis-7 ta'Novembru mill-Onorabbli Qorti (Onor Imhallef Mark Chetcuti) , billi Lino Casar ma segwiex dan l-ewwel mandat b'kawza fi zmien ghoxrin gurnata (Dok.M).*

*Jigi umilment sottomess illi l-agir ta' Lino Cassar, liipprezenta ir-rikors ta' dan it-tieni mandat ta' qbid ezattament fuq l-istess kawzali tal-ewwel wiehed , bit-tnejn iffirmati minn avukati differenti , b' tal-ewwel jigi revokat ghax ma saritx id-debita kawza, jixhed kemm dan it-tieni mandat ma ghandu ebda fondament rejali u intalab b' malizja , huwa frivolu u l-unika skop tal-kontro-parti huwa li jdejjaq lill-esponenti.*

***Fit-tielet lok** , bir-rispett jigi rilevat assolutament minghajr pregudizzju ghal premess dwar kemm verament dan il-mandat jisthoqlu jigi revokat :*

*Illi l-esponenti filwaqt li tirreferi ghall-lista maghmulha mill- Marixxal , bl-affarijiet indikati bin-numru ' 1' sa 30' , tirrileva li dawk immarkati bl-asterisk huma oggetti li jappartjenu lil uliedha Joshue Agius u Bernice Agius , u fir-rigward ta' uhud minn dawn il-hwejjeg u cioe ' ' Samsung ' television u linef li jappartjenu lil Joshue Agius qed tesebixxi l-annessi Dok.N u O u fir-rigward ta' kamra tas-sodda tal 'pine' , li tappartjeni lil Bernice Agius , qed tesebixxi l-anness Dok.P .*

*Illi in oltre il-bierah stess in esekuzzjoni tal-mandat odjern giet elevata il-vettura tal-esponenti Ford Ka FBH-832 u giet ikkunsinjata f'idejn il-kunsinnatarju Christopher Farrugia KI Nr 69379(M) ta' John s' Garage , Villambrosa Street , Hamrun.*

***Ghaldaqstant** , l-esponenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

***fl-ewwel lok** tirrevoka ghal kollox il-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 1772/14 :*

*- in bazi ghall-artikolu 836(1). d tal-Kaplz , billi l-ammont indikat fil-mandat mhuwiex 'prima facie' gustfikat ;*
*- jew subalternattivament in bazi ghall-istess sub-artikolu, billi, dato ma non concesso u assolutament minghajr pregudizzju , jekk biss hemm xi hlas dovut lill-Lino Casar mill-esponenti il-kawzali pretiza ta' Eur 20,500 minnu indikata htja estremament eccesiva;*

***fit-tieni lok** , konsegwetement f' kull kaz , tordna ir-rilaxx favur l-esponenti tal-vettura maqbuda FBH-832 u attwalment f idejn il-kunsinnatarju Christopher Farrugia;*

*u **fl-ahhar lok** , tikkundanna lil Lino Cassar , ghall- hlas ta' penali favur l- esponenti , fl-ammont li jidhrilha l-Onorabbli Qorti u dana a tenur tal-artikolu 836(8)a billi it-talba ghal hrug ta' dan il-mandat , kienet wahda b' malizzja ,frivola u vessatorja ------*
*----- b' riserva ghal kull azzjoni ulterjuri ghad-danni spettanti lill- esponenti a tenur tal-artikolu 836(9) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta , u dan kollu taht dawk il-pattijiet u kundizzjonjiet ulterjuri li din l-Onorabbli Qorti jidhrulha xierqa. "*

Rat id-digiet taghha tl-24 ta'Novembru 2014 fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-10 ta'Dicembru 2014 fil-11:30am;

Rat illi l-atti tar-rikors, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati l-partijiet skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' Lino Cassar tat-2 ta' Dicembru 2014 (a fol. 28) li taqra hekk:

*"Illi primarjament ir-rikorrenti, Lino Cassar, jirreleva li intavola rikors guramentat nhar il-Gimgha 28 ta'Novembru 2014 fl-ismijiet hawn fuq indikat fejn qed jitlob il-hlas mill-intimata Ms. Agius is-somma ta' ghoxrin elf Ewro (€20,000);*

*Illi l-bazi tal-mandat hawn fuq imsemmi kien kawtelatorju bl-intenzjoni li jikkawtela t-talba ghal hlas sepecjalment minn mara li m'ghandhiex dhul fiss. Il-livel ta' prova hija prima facie li r-rikorrenti kien ssodisfa billi ha gurament li ghandu talba valida ghal hlas;*

*Illi l-argumenti li l-intimata qajmet fir-rikors taghhom u se mai huma eccezzjonijiet, izda wkoll m'humiex veritiera ghaliex l-hsara fil-vettura Ford Ka mhix inkluza fit-talba ghal hlas*

*ghaliex ir-rikorrenti kien hallas. L-azzjoni kriminali hija rrelevanti ghal dawn il-proceduri. Ghar-rigward l-iskrittura tal-25 t'Awwissu 2013 id-debitu huma wara din id-data kif jidhru fi zewg skritturi hawn annessi u mmarkati bhala LC1 u LC2;*

*Illi ghar-rigward ta' oggetti li huma soggett ta' dan il-mandat u allegatament ta' terzi, huma t-terzi li jridu jiehdu azzjoni u mhux l-intimata.*

*Ghaldaqstant,l-espoenent jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ma tilqax ir-rikors tat-18 ta'Novembru 2014."*

Rat il-verbal tal-10 ta'Dicembru 2014 illi bih l-avukati difensuri tal-partijiet qabblu li r-rinunzja ezebita u markata bhala Dok. J saret quddiem Dr. Michael Grech f'Awwissu tas-sena 2013;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

It-talba ta' Shiela Agius hija wahda ghar-revoka tal-Mandat ta'Qbid Kawtelatorju Numru 1772/14 f'ammont ta'ghoxrin elf u Ewro (€20,000), ghar-rilaxx tal-vettura FBH 832, u ghal hlas tal-penali u dana ai termini tal-Artikoli 836(1) (d) u 836(8)(a) tal-Kapitolu 12.

Skond dak kontenut fir-rikors mahluf mir-rikorrenti, jirrizulta illi hija u Lino Cassar kellhom relazzjoni diskontinwa, deskritta bhala "turbolenti", li bdiet fl-ahhar tas-sena 2012 u intemmet definittivament fil-15 ta'Dicembru 2013.

Illi fost l-incidenti turbolenti, gie deskritt incident ta' allegat hsara volontorja ta 'l fuq minn elf Ewro fuq il-karozza ta' Agius - cioe' FBH 832-, li wasslet ghall-proceduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati u ordni ta' divjett ta' komunikazzjoni bejn Cassar u Agius.

Jirrizulta mill-provi illi l-mandat kawtelatorju de quo sar ghall-ammont ta' ghoxrin elf Ewro (€20,000).

Agius fir-rikors guramentat taghha nnegta b'mod vociferu dan l-ammont pretiz billi :

1. L-intimat wettaq gurnata xoghol fis-sajf 2013 ghat-twahhil ta' ghoxrin maduma fil-kamra tal-banju,u bajjad s-saqaf tal-kamra tal-banju;

2. Kienet Agius li xtrat il-vettura taghha FBH 832 fis-26 t'Ottubru 2009, u cioe' tlett snin qabel ma saret taf lil Cassar kif jidher minn Dok. E l-*logbook* a fol. 12 tal-process;

3. Sar self ta' €600 ghall-kont tad-dentist Dr. Fenech, liema self thallas fil-prezenza ta' omm Aguis. Illi di piu ir-ricevuti  Dok F , G u H minn a fol.14 sa 16, juru d-depoziti u l-hlasijiet illi saru mill-istess Agius ghal dak dovut lil Dr. Fenech.

In oltre, fl-isfond tal-glied kontinwu tal-kontendenti, kienet giet iffirmata skrittura privata bejn l-istess kontendenti fid-29 t'Awwissu 2013, illi permezz taghha Lino Cassar u Shiela / Shirley Agius kienu:

> ***"minn issa jirrinunzjaw ghal kwalunkwe dritt li jaghmlu talba sabiex jirkupraw lura rigali, oggetti u ghotjiet ohra anka jekk monetarji li jkunu taw lil xulxin waqt ir-relazzjoni taghhom."***
> **-Vide Dok. J a fol. 18**

Illi di piu minn Awwissu 2013 sa kemm sfaxxat ir-relazzjoni tal-partijiet fil-15 ta'Dicembru Cassar kien hareg is-segwenti spejjez:

1. Spejj ez ghat-tnejjiha tas-sadid u *spray paint* tal-gemb u saqaf tal-karozza ta' Agius;

2. Xiri ta' cilindru tal-gass;

3. Spiz a ta' €400, f'xiri ta' hwejjeg ghall-Agius.

Shirley Agius iddikjarat bil-gurament illi Cassar kien hareg mandat kawtelatorju identiku fit-12 ta'Settembru 2014 li gie revokat mill-Imhallef l-Onor Mark Chetcuti fis-7 ta'Novembru 2014 stante li ma gietx ipprezentata l-kawza f'ghoxrin jum tal-prezentata tal-mandat, u dana ai termini tal-Artikolu 843(1) tal-Kapitolu 12 – vide Dok. L u M a fol. 21 u 22.

Agius xhedet illi di piu' fil-mandat ta' qbid inqabdu oggetti illi fil-fatt gew mixtrija minn uliedha fosthom:

1. *Television* Samsung vide fol.23 sa 25 Dok. N u O – ricevuta tal-VAT f'isem Joshue Agius u l-*warranty card* u *invoice*;

2. Kamra tas-sodda tal-pine skond *invoice* Dok. P - vide fol. 26.

Minn naha tieghu, Lino Agius fir-risposta tieghu – Vide fol. 28 irribatta illi huwa intavola rikors gurament kontra Shiela / Shirley Agius fit-28 ta'Novembru 2014 – Vide fol. 39 ghal-hlas ta' ghoxrin elf Ewro (€20,000) illi huwa sellef lilha brevi manu u dana stante illi Agius irrifjutat li tirrikonoxxi s-self.

Cassar sostna bil-gurament fir-risposta tieghu li d-debitu sar in segwitu tal-iskrittura privata bejn il-partijiet u ezebixxa LC1 u LC2. Dawn il-fotokopji juru self fis-somma ta' ghaxart elef Ewro (€10,000) u elf u hames mitt Ewro (€1,500) datati 3 t'Ottubru 2013 a fol. 29 u 2 ta' Dicembru 2013, u a fol. 30 rispettivament.

**Ikkonsidrat:**

Illi l-**artikolu 836 (1) (d) tal-Kapitolu 12** jipprovdi li:-

> ***"(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun hareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza,***

> ***jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda titratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox sew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:-***
>
> ***(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv;".***

Qabel ma tezamina, il-kawzali fuq indikati, din il-Qorti sejra isemmi uhud mill-principji elementari illi fuqhom jissejsu kawzi dwar Revoka ta' Mandati Kawtelatorji.

Il-Qrati enuncjaw principji mportanti fir-rigward ta' kawzi dwar revoka ta'Mandati Kawtelatorji fejn l-ezami li hija mistennija illi taghmel il-Qorti huwa wiehed prima facie. Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et"** tas-**26 t`April 2002** per **Onor Imhallef Dr. G. Camilleri** intqal hekk:-

> ***"Skond l-artikolu 836 (d) u (f) tal-Kap 12 jista' jigi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli. L-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan il-kuntest huwa wiehed 'prima facie'."***

Illi fid-digriet fl-ismijiet**"Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et"** tal-**10 ta' Mejju 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** , u **"Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et" tad-29 ta' Novembru 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad ukoll ***"li mid-dispozizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel l-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn 'si tratta' dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja.***

Hekk ukoll fid-decizjoni fl-ismijiet **“Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti”** tas- **27 ta’ Gunju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad:-

> ***“Illi fil-fatt jista’ jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f’din il-procedura huwa biss sabiex tezamina ‘prima facie’ jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta’ Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. (“P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited” – P.A. (RCP). 10 ta’ Mejju 2001; “Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd” P.A. (RCP) 7 ta’ Frar 2001)”.***

Vide ukoll **(“Yorkie Clothing Industry Ltd” u “Calleja Cremona Dr. Lilian**” –tat-**30 ta ` Mejju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace**) kif ukoll “**John Zarb vs Port Cottonera Ltd**” tas-**16 ta` Settembru 2002** per **Onor Imhallef Dr. T. Mallia**).

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-provi migjuba a konjizzjoni ta’ din il-Qorti jirrizulta illi anka b’mod ampju illi in vista ta’ relazzjoni prekarja tal-partijiet fejn jidher illi r-relazzjoni kienet ixxaqleb minn relazzjoni tajba - fejn Cassar kien ikun generuz forsi anka izzejjed ma Agius u lest illi jroxx rigali u ghotjiet, ghal wahda pessima - fejn jintalab lura dak kollu illi jkun gie moghti.
Din kienet ir-raguni ‘l ghaliex saret l-iskrittura ta’ rinunzja fid-29 t’Awwissu 2013 – a fol. 18.

Din ir-rinunzja hija wahda skondizzjonata u tapplika *“ghar-rigali oggetti, ghotjiet ohra anki jekk monitarji”* li l-partijiet setghu taw lil xulxin fid-durata tar-relazzjoni taghhom.

F'materja ta' rinunzja ta' dritt, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony u Joan konjugi Scerri vs. Anthony u Sylvie konjugi Cutajar et** deciza fis-16 ta' Marzu 2005 kienet qalet li, *:*

> *"Bla dubju r-rinunzja hija att guridiku unilaterali, b'karattru abdikattiv in kwantu tirrizolvi ruhha fit-telf tad-dritt gja akkwistat.Ghaldaqstant iggorr l-effetti taghha imprexxindibilment mill-accettazzjoni tal-parti l-ohra".*

Illi skond il-gurisprudenza fuq citata ma jirrizultax li ntwera, a bazi ta' ezami prima facie, illi l-mandat ta' qbid kawtelatorju kien wiehed gustifikat.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-ewwel u t-tieni talba ta'Agius ghar-revoka tal-Mandat 1772/14 ai termini tal-Artikolu 836 1 (d) tal-Kapitolu 12 ghandha tigi milqugha.

Ghar-rigward tat-tielet talba ta' Agius, u cioe' ghall-impozizzjoni tal-penali ai termini tal-Artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12, din l-Qorti taghraf illi din hija sanzjoni fakoltattiva, imholliha fid-diskrezzjoni tal-istess Qorti wara li jintwera ghas-sodisfazzjoni taghha, li sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsuba mill-ligi ghall-impozizzjoni tal-istess sanzjoni, u cioe' is-subincizi (a) sa (d), tal-Artikolu 836(8) tal-Kap.12.

Il-Qorti hija tenuta li timponi dawn il-penali fejn jirrizultaw l-estremi tal-ligi fuq indikati. Dan huwa artikolu ta' ordni pubblika bl-iskop li jigi assikurat is-serjeta tal-process gudizzjarju u sabiex l-istitut ta' mandati kawtelatorji ma jigix uzat abbusivament - Vide sentenzi fl-ismijiet **"Carmel Farrugia u martu Lucija Farrugia vs Charmaine Farrugia f'isimha proprju u f'isem binha minuri Francesco"** deciza fit-**2 t'Awissu 2012** per **Onor Imhallef Dr. J.R. Micallef**, **"Cole Foods Limited vs Euro Imports Limited"** deciza fit-**13 ta' Marzu 2003**, per **Onor Imhallef Dr. T. Mallia** u **"Joseph Rapa vs Raymond Sammut**" **Appell Civili** deciza fit-**13 ta' Marzu 2001**.

Illi fil-kaz odjern il-Qorti ma jidhirlix li Agius ipprovat ir-rekwiziti tal-ligi tali li jwassal lil din il-Qorti tinfliggi din it-tip ta' sanzjoni.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel u t-tieni talba, , u tordna r-revoka mmedjat ta’ Mandat ta’Qbid Kawtelatorju 1772/14 TM, izda tichad it-talba ghal-hlas ta’ penali ai tenur tal-Artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12

Bl-ispejjez kontra Lino Cassar.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------